Billi nhar it-Tnejn 16 ta' Ottubru 2017 seħħ l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia;

Billi l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia huwa theddida mill-aktar gravi lill-Istat Malti u lis-saltna tad-dritt;

Billi l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia ġab il-kundanna u l-istmerrija tal-membri ta' din il-Kamra, tal-ogħla awtoritajiet ta' pajjiżna, tal-korpi kostitwiti, tas-soċjetà ċivili, tal-poplu Malti u Għawdxi kif ukoll tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Parlament Ewropew u ta' diversi pajjiżi barranin; u

Billi l-Poplu Malti u Għawdxi huwa ħerqan li mhux biss jitressaq quddiem il-ġustizzja min wettaq u ordna l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia iżda wkoll li dak li kitbet matul ħajjitha jiġi investigat u li tittieħed azzjoni kontra min jirriżulta li wettaq atti ta' korruzzjoni, abbużi ta' poter jew reati oħra jew naqas milli jaqdi d-dmirijiet tiegħu skont il-liġi.

Għalhekk din il-Kamra tirrisolvi li:

1. L-Onor. Prim Ministru għandu jaħtar Bord ta' Inkjesta skont l-Att dwar l-Inkjesti (Kap. 273 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex:
    a. jinvestiga u jeżamina l-imġieba ta' uffiċjali pubbliċi u uffiċjali u impjegati ta' kull korp imwaqqaf b'liġi fid-dawl tal-allegazzjonijiet li saru dwarhom fil-kitbiet tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia;
    b. jeżamina t-tmexxija ta' kull dipartiment tal-Gvern jew ta' kull korp imwaqqaf b'liġi, fosthom iżda mhux biss tal-Korp tal-Pulizija, tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) u ta' oħrajn fid-dawl tal-allegazzjonijiet li saru dwarhom fil-kitbiet tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia;
    c. jeżamina kull ħaġa oħra li taqa' taħt il-funzjonijiet jew ir-responsabbiltà ta' xi dipartiment jew korp bħal dawk jew xort'oħra li għandha x'taqsam ma' jew tolqot servizz tal-Gvern fid-dawl tal-allegazzjonijiet li saru dwarhom fil-kitbiet tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia;
    d. jiddetermina x'atti ta' korruzzjoni, abbużi ta' poter jew reati oħra twettqu mill-imsemmija persuni u entitajiet u x'nuqqasijiet twettqu mill-imsemmija persuni u entitajiet fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom skont il-liġi; u
    e. jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet kollha li jidhirlu xierqa u opportuni b'riżultat tal-konklużjonijiet li l-Bord jasal għalihom.

2. Il-Bord ta' Inkjesta għandu jkun kompost minn tliet imħallfin irtirati minn fost dawk l-imħallfin irtirati li huma magħrufa għall-integrità u l-onestà tagħhom, b'wieħed minnhom iservi bħala *Chairman*, maħtura mill-Prim Ministru wara riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li jkollha favur tagħha l-voti ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra.

3. Il-Prim Ministru għandu jipprovdi lill-Bord ta' Inkjesta dawk il-mezzi, ir-riżorsi u s-sostenn loġistiku li fil-fehma tal-istess Bord ta' Inkjesta jkunu meħtieġa sabiex iwettaq l-inkarigu mogħti lilu.

4. Il-Bord ta' Inkjesta għandu jkollu aċċess sħiħ u illimitat għal kull oġġett, dokument, rapport, informazzjoni, evidenza, *file*, kompjuter, programm jew data miżmuma b'mod elettroniku li jinsabu fil-pussess tal-Gvern u ta' kull dipartiment tal-Gvern jew ta' korp imwaqqaf b'liġi, fosthom iżda mhux biss tal-Korp tal-Pulizija, tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU), ukoll jekk xi liġi tgħid mod ieħor.

5. Il-Bord ta' Inkjesta għandu jippreżenta r-rapport tiegħu lill-Prim Ministru u lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati fl-istess ħin u mhux aktar tard minn sitt xhur data tallum u r-rapport għandu jiġi ppubblikat minnufih u b'mod sħiħ mill-Iskrivan tal-Kamra.

CHRIS SAID